**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Direttur tal-Kummerċ

*versus*

Nathalie Scerri

**Preskrizzjoni - Interruzzjoni ta' - Mandat ta' Qbid - Notifika ta' - Artikoli 2128, 2130, 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex sabet illi l-mandat ta' qbid li a bażi tiegħu giet reklamata l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma kienx gie nnotifikat lid-debitriċi.*

Il-Qorti:-

Fit-30 ta' Novembru, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza:

"Din hija kawża għall-ħlas ta' penali;

Fiċ-ċitazzjoni li biha bdiet din il-kawża l-attur ippremetta illi l-konvenuta *kienet daħlet fl-iskema ta' student-ħaddiem* b'kuntratt (magħruf bħala *form of undertaking*) li hi ffirmat fil-ħamsa u għoxrin ta' Marzu, elf disa' mija u tnejn u tmenin(25/03/1982) *u li bih intrabtet li taħdem għal sentejn fil-grad ta'* Uffiċjal Amministrattiv mal-Gvern ta' Malta; illi l-konvenuta naqset milli toqgħod għal dan il-ftehim u għalhekk hija *obbligata li tħallas multa* (*sic*) *ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000)* kif jgħid il-kuntratt; illi, għalkemm kienet imsejjħa b'żewġ ittri uffiċjali ta' l-għaxra ta' April, elf disa' mija u tnejn u disgħin (*18/09/1992*) sabiex tħallas, u *għalkemm* sar *ukoll mandat ta'* qbid numru mija u erbgħin ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (140/1988), fl-ewwel ta' Frar, elf disa' mija u tmienja u tmenin (01/02/1988), *il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx; u illi* dan id-dejn tal-konvenuta huwa wieħed ċert, likwidu u li għalaq, u fil-fehma ta' l-attur il-konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet ta' l-attur;

L-attur għalhekk talab li din il-Qorti: (1) tiddeċidi t-talba bid-dispensa tas-smigħ, kif irid l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (2) tiddikjara li l-konvenuta għandha tagħti lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) billi naqset mill-obbligazzjonijiet li ntrabtet bihom bil-kuntratt tal-ħamsa u għoxrin ta' Marzu, elf disa' mija u tnejn u tmenin (25/03/1982); u (3) tikkundanna lill-konvenuta tħallas din is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) flimkien ma' l-ispejjeż, magħduda dawk taż-żewġ ittri uffiċjali ta' l-għaxra ta' April, elf disa' mija u sebgħa u tmenin (10/04/1987) u tat-tmintax ta' Settembru, elf disa' mija u tnejn u disgħin (18/09/1992) u tal-mandat ta' qbid numru mija u erbgħin ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (140/1988) ta' l-ewwel ta' Frar, elf disa' mija u tmienja u tmenin (01/02/1988) u bl-imgħaxijiet legali;

Il-Qorti rat id-dikjarazzjoni maħlufa *mill-attur*, *id-*dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda tiegħu, kif ukoll l-*affidavit* maħluf minnu;

Rat illi b'digriet tal-ħdax ta' Ottubru, elf disa' mija u tlieta u disgħin (11/10/1993) il-konvenuta ngħatat *il-fakoltà li* tikkontesta l-kawża billi tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet;

Rat ukoll *in-nota li biha l-konvenuta eċċepiet li l-azzjoni* attriċi hija preskritta skond l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili u rat id-dikjarazzjoni maħlufa mill-konvenuta;

Mid-dikjarazzjoni ta' l-attur jidher li l-konvenuta telqet l-impjieg tagħha fit-tmienja ta' Diċembru, elf disa' mija u sitta u tmenin (08/12/1986). Għalhekk l-attur seta' jitlob il-ħlas tal-penali minn dak in-nhar u minn dak in-nhar ukoll bdiet tgħaddi l-preskrizzjoni;

Il-preskrizzjoni li qiegħda teċċepixxi l-konvenuta hija dik ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili *li tgħid li l-azzjoni* ta' kull kreditur li ma taqax bi preskrizzjoni aqsar taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Għalhekk, billi l-obbligazzjoni twieldet fit-tmienja ta' Diċembru, elf disa' mija u sitta u tmenin (08/12/1986) u ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-sebgħa ta' Ottubru, elf disa' mija u tlieta u disgħin (07/10/1993) aktar minn aħmes snin wara, l-attur għandu juri li nterrompa l-preskrizzjoni;

L-atti ġudizzjarji ta' interruzzjoni li jirriżultaw mill-proċess huma dawn:

Ittra uffiċjali ta' l-għaxra ta' April, elf disa' mija u sebgħa

u tmenin (10/04/1987 - fol. 14) notifikata lill-konvenuta fil-ħmistax ta' April ta' l-istess sena (15/04/1987- fol. 15);

Mandat ta' qbid numru mija u erbgħin ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (140/1988) ippreżentat fl-ewwel ta' Frar, elf disa' mija u tmienja u tmenin (01/02/1988 - fol. 18 *et seq*). Ma hemmx riferta tan-notifika, iżda fuq il-firma tal-Marixxal bid-data tat-tnejn u għoxrin ta' Marzu, elf disa' mija u tmienja u tmenin (22/03/1988) hemm miktub hekk: "Ngħid u niżgura li ma esegwejtx dan il-mandat ta' qbid billi meta mort fl-indirizz ġejt infurmat minn ommha Pauline li ma għandha xejn tagħha peress li hi xebba" (fol. 23); u

Ittra uffiċjali oħra tat-tmintax ta' Settembru, elf disa' mija u *tnejn u disgħin (18/09/1992 - fol. 29)*, notifikata lill-konvenuta fis-sitta u għoxrin ta' Settembru ta' l-istess sena (26/09/1992 - fol. 15);

In-notifiki *taż-żewġ* ittri *uffiċjali jirriżultaw mill-atti* mingħajr diffikultà, iżda l-ittri uffiċjali waħedhom mhumiex biżżejjed għax l-ewwel ittra tikser il-preskrizzjoni li għalhekk reġgħet bdiet tgħaddi u kienet tagħlaq fl-għaxra ta' April, elf *disa' mija u tnejn u disgħin (10/04/1992) qabel ma ġiet* ippreżentata t-tieni ittra fit-tmintax ta' Settembru, elf disa' mija u tnejn u disgħin (18/98/1992). Għalhekk, biex tirnexxi l-azzjoni ta' l-attur dan irid juri li l-mandat ta' qbid ukoll kiser il-preskrizzjoni;

Ma hemmx dubbju li l-mandat ta' qbid, jekk ġie nnotifikat, kiser il-preskrizzjoni, huwa att ġudizzjarju li minnu jidher biċ-ċar illi l-kreditur bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu, kif jgħid l-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda biex jikser il-prekrizzjoni irid ikun notifikat lid-debitur: "qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-

preskrizzjoni" kif jgħid l-artikolu 2130 (1) ta' l-istess Kodiċi;

Il-kwistjoni għalhekk hija jekk dan il-mandat kienx notifikat lill-konvenuta. In-notifika ssir "bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun notifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja ... fil-lok fejn toqgħod ..." Il-prova tan-notifika hija r-riferta, iżda f'dan il-każ mir-riferta ma jidhirx jekk l-att kienx innotifikat jew le, tgħid biss li l-mandat ma kienx esegwit għax omm il-konvenuta qalet lill-marixxal li ma kellha xejn tagħha fil-post fejn kellha ssir l-esekuzzjoni; *ma tgħidx jekk tħallitx* kopja f'idejn omm il-konvenuta;

Issa, fil-każ tal-lum, l-oneru tal-prova li tassew saret in-notifika biex *tikser il-preskrizzjoni* jaqa' fuq l-attur u l-Qorti mhix sodisfatta li lill-attur seħħlu li jġib din il-prova. Il-mod kif hi miktuba jħalli dubbju serju jekk ingħatatx kopja ta' l-att lill-omm il-konvenuta. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, kien ikun prudenti għall-attur, meta jara dik ir-riferta, li jagħmel att ieħor ta' *interruzzjoni iżda dan ma għamlux qabel ma kien tard wisq;*

Il-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u tiċħad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu";

L-attur Direttur tal-Kummerċ appella minn din is-sentenza b'dan l-aggravju:

Li n-notifika tal-mandat *esekuttiv* ma kellhiex bżonn isseħħ skond l-artikolu 187 tal-Kap. 12 stante illi dan ma kienx att biex jinforma lid-debitriċi b'xi proċeduri kontriha iżda kien intiż biex jeleva l-oġġetti ħalli jkunu jistgħu jinbiegħu;

* Illi l-mandat li skond hu kien att interruttiv tal-perijodu preskrittiv ma kienx wieħed kawtelatorju iżda kien esekuttiv ai

termini ta' l-artikolu 468 tal-Kap. 12, kif kien qabel ma ġie emendat bl-Att XXIV ta' l-1995. Dana kien titolu esekuttiv bħal kwalunkwe sentenza tal-Qorti li lanqas kien hemm bżonn illi ssir in-notifika tagħha. Jissottometti illi dan il-mandat ma kellux jitqies sempliċement bħala att ġudizzjarju biex tinkiser il-preskrizzjoni iżda kellu jitqies bħal att biex jesegiwxxi t-talba attriċi;

Illi l-Ewwel Qorti kienet straħet fuq ir-riferta tal-marixxal mingħajr ma kienet investigat sewwa x'kienet in-natura ta' l-att in kwistjoni. Di piu meta l-marixxal irrapporta li omm id-debitriċi kienet qaltlu li bintha, il-konvenuta appellata, ma kellhiex oġġetti fid-dar, dan kien biżżejjed biex jissodisfa l-artikolu 187 tal-Kap. 12;

Mhux ikkontestat li l-meritu ta' din il-kawża hi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali estintiva ta' l-azzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Lanqas hu kkontestat illi l-azzjoni setgħet tiġi mill-attur eżerċitata kontra l-konvenuta mid-data tat-tluq ta' l-impjieg tagħha fit-8 ta' Diċembru, 1986, u li din l-azzjoni ġiet intavolata minnu fis-7 ta' Ottubru, 1993. Jirriżulta ppruvat illi l-perijodu preskrittiv kien ġie l-ewwel darba interrott b'ittra uffiċjali ddatata 10 ta' April, 1987, debitament notifikata lill-konvenuta. Ġiet ukoll ippreżentta ittra uffiċjali oħra ukoll innotifikata fit-18 ta' Settembru, 1992. Bejn dawn iż-żewġ atti ġudizzjarji ovvjament kienu għaddew iktar minn ħames snin u allura l-perijodu preskrittiv skond is-subinċiż (f) ta' l-artikolu 2156 kellu jitqies li ddekorra jekk ma jintervjenix bejn dawn iż-żewġ dati xi att ġudizzjarju ieħor jew xi ċirkostanza oħra li skond il-liġi jinterrompih;

F'dan ir-rigward, l-attur appellant qed jippretendi illi dan l-att ġudizzjarju kellu jitqies li kien il-mandat ta' qbid ta' l-1 ta'

Frar, 1988, li kopja tiegħu ġiet esebita in atti. Jirriżulta b'dan il-mandat hu wieħed maħruġ fit-termini ta' l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif kien qabel ma ġie emendat jew aħjar sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995. Dak il-mandat ġie allura deskritt bħala wieħed ta' titolu esekuttiv maħruġ bħala konsegwenza tal-fatt li l-intimata l-konvenuta ma adempietx l-obbligazzjoni li sservi lill-Gvern ta' Malta għal sentejn wara li spiċċat il-kors ta' *BA Accountancy*, li għalih kienet sponsorjata mir-rikorrent appellant, u liema ammont ta' *Lm2000 hija kienet obbligat ruħha li tħallas lill-Gvern fil-każ li* ma tatiex servizz lilu għal sentejn wara li ttemm il-kors, kif jidher mill-*Form of Undertaking tal-25 ta' Marzu,1982.* Kawżali tal-mandat li jikkoinċidi perfettament ma talba meritu ta' din il-kawża;

Kwistjoni li trid tiġi riżolta f'dan l-appell, hu jekk il-mandat in kwistjoni kienx *effettivament jista' jitqies* bħala att ġudizzjarju li nterrompa l-perkors tal-perijodu preskrittiv. L-artikolu 2128 tal-Kap. 16 jipprovdi *li l-preskrizzjoni tinkiser* ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed *irid li ma* jħallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-mandat taħt eżami kellu l-ħsieb li jikkawtela d-dritt ta' l-attur bħala kreditur kontra l-konvenuta debitriċi u li minn dan il-mandat joħroġ ċar il-ħsieb ta' l-appellant illi jżomm sħiħ il-jedd tiegħu kontra l-appellata. *Anzi l-mandat imur* oltre hekk għaliex bħala fatt hu ntiż bħala miżura esekuttiva tad-dritt għal pagament tal-Gvern bil-proċedura allura permessa mil-liġi;

*Jibqa' x'jiġi deċiż* allura *jekk dak l-att ġudizzjarju - il* mandat - kienx ġie jew le innotifikat lill-parti li kontra tagħha l-kreditur attur ma riedx li jħalli timxi l-preskrizzjoni għaliex din in-notifika u l-prova tagħha hi essenzjali biex tassigura l-

interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv. Ġustament, l-appellant stess isostni illi n-notifika tkun saret strettament kif ipprovdut fid-dispost ta' l-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura *Ċivili* meta "tkun saret *bil*-konsenja ta' kopja ta' *l*-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tiġi nnotifikata jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja" (Vol. LXXV.II.731). Naturalment, il-prova tan-notifika trid issir b'mod definit mill-kreditur u dana bħala *sine qua non* biex jissodisfa l-elementi kollha meħtieġa ħalli jassigura l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv. Infatti, l-artikolu 157 (1) tal-Kap. 12 jipprovi illi: "n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha għandha tkun innotifikata jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn il-membru tal-familja jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew il-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha". Dan is-subinċiż jagħmilha ċara illi n-notifika tirrikjedi l-konsenja materjali u fiżika ta' kopja ta' l-att lill-persuna notifikanda jew tal-membru tal-familja tad-dar jew fis-servizz tagħha jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew f'idejn persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk ma tiġix ippruvata l-konsenja materjali ta' kopja ta' l-iskrittura, in-notifika ma tistax titqies li tkun legalment saret. Anke jekk jiġi ppruvat sodisfaċentement illi l-persuna li magħha jkun ikkomunika l-uffiċjal tal-Qorti, li tista' tkun il-persuna notifikanda nfisha jew xi waħda minn dawk indikati fis-subinċiż 1 ta' l-artikolu 187, tkun ġiet bi preċiżjoni nfurmata bil-kontenut ta' l-att ġudizzjarju jew bin-natura u l-kwalità tiegħu u anke jekk dik il-persuna tkun ikkorrispondiet ma' l-uffiċjal tal-Qorti u tatu nformazzjoni li hu sussegwentement ikun irreġistra fir-riferta tiegħu dan waħdu ma jkunx jissodisfa l-vot tal-liġi. Infatti, hekk jidher li ġara fil-każ taħt eżami. Ċertament ma tirriżultax il-prova defintitiva illi l-marixxal tal-Qorti li mar biex jesegwixxi l-mandat *de quo* irrilaxxa xi kopja ta' dak il-mandat f'idejn omm il-konvenuta

appellata li magħha ikkomunika fid-dar fejn apparentement l-istess appellata debitriċi kienet tirrisjedi. Dan żgur ma jirriżultax mir-riferta ta' l-istess marixxal, mhux allegat mill-appellant u minn imkien mill-atti ma jirriżulta ippruvat. Li hemm fir-riferta tal-marixxal hu sempliċement *id-dikjarazzjoni* tiegħu illi "ma esegwejtx dan il-mandat ta' qbid billi meta mort fl-indirizz *mogħti ġejt infurmat* minn ommha Paulina, li ma għandha xejn tagħha peress li kienet xebba". Fin-nuqqas ta' din il-prova tal-konsenja materjali ta' kopja ta' l-att ġudizzjarju, li llum hu indikat mill-appellant bħala li kien ukoll l-att interruttiv tal-perijodu preskrittiv, jidher li hu mankanti wieħed mill-*elementi essenzjali tan-notifika ta' l-atti kif dispost fis-subinċiż* l ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12;

Din il-Qorti tikkunsidra inoltre n-natura tal-mandat taħt eżami. Tibda biex tgħid *illi* "b'*att ġudizzjarju* għandu jiftiehem skond il-liġi dak li jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti u li jiġi *nnotifikat* lid-debitur permezz tal-Qorti. Is-sempliċi konsenja ta' kont mhux att ġudizzjarju" (Vol. XXXIX.II.686). Għandu jkun paċifiku illi l-mandat *de quo* jmur oltre s-sempliċi konsenja ta' kont. Hu anzi att ġudizzjarju li kien fiż-żmien meta sar meqjus mill-Gvern kreditur bħala att esekuttiv maħsub biex jiggarantixxi ħlas tad-debitu *lilu dovut. Ma jista' jkun hemm l-*ebda dubbju illi mandat ta' qbid huwa att ġudizzjarju;

"L-interruzzjoni hi ta' żewġ speċi - ċivili u naturali. Hija ċivili dik li ssir permezz ta' att ġudizzjarju, sia da parti tal-kreditur sija da parti tad-debitur. Da parti tal-kreditur l-atti ċivili nterruttivi tal-preskrizzjoni huma l-att ġudizzjarju jew id-domanda ġudizzjarja imma jridu jkunu dejjem atti li saru fil-kors tal-preskrizzjoni. B'att ġudizzjarju għandu jiftiehem skond il-liġi dak li jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti u li jiġi nnotifikat lid-debitur permezz tal-Qorti. Is-sempliċi konsenja ta' kont mhux att ġudizzzjarju" (*Vol. XXIX.II.686*);

"Huwa veru li ottenimen ta' mandat ... huwa att interruttiv tal-preskrizzjoni imma biex tavvera ruħha din l-interruzzjon, hemm bżonn li dak is-sekwestru jkun ġie ottenut qabel skada t-terminu preskrizzjonali ... Min jallega nterruzzjoni għandu fuqu l-piż tal-prova ta' dik l-interruzzjoni" (Vol. XXXV.I.304);

Ġie ritenut fil-kawża **Joseph Caruana *noe* *vs* Silvio Mifud *noe***, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Ottubru, 1954, illi:

"Ġustament l-attur jaħseb illi l-mandati fuq imsemmija (ta' mpediment ta' partenza, imma japplika ukoll għall-mandati oħra), interrompew il-kors ta' l-imsemmija preskrizzjoni ... (però) dawn il-mandati kellhom il-virtù li jinterrompu l-preskrizzjoni billi ġew innotifikati lid-debitur mhux biss qabel l-għeluq ta' xahar mill-aħħar jum iż-żmien tagħha imma meta kien għadu qiegħed jiddekorri dak iż-żmien" (artikolu 2235 (illum 2130) (1) tal-Kodiċi Ċivili);

Kif ingħad aktar 'il fuq ma tirriżultax f'din il-kawża l-prova tan-notifika skond il-liġi. Din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-mandat taħt eżami ddegretat mill-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12, kif kien qabel ġie emendat, kellu xi valur għall-fini ta' l-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv differenti minn dak li kellhom mandati oħra kawtelatorji. Ma taqbilx li mandat emess taħt dik il-proċedura kellu jitqies li kien esekuttiv daqslikieku kien sentenza tal-Qrati. L-artikolu 466 tal-Kap. 12, kif kien allura, kien maħsub biex jipprovdi l-proċediment esekuttiv partikolari għall-Gvern biex jiġi assigurat il-ħlas ta' krediti lilu dovuti, però ma kienx, lanqas kif kien dak iż-żmien redatt, jeskludi l-possibbilità li d-debitur esekutat jikkontesta l-pretensjoni tal-Gvern kif dedotta f'dak il-mandat;

Dak l-artikolu u oħrajn sussegwenti allura jiddistingwu bejn l-eseġibilità immedjata tal-kreditu pretiż mill-Gvern u d-dritt tad-debitur li jħossu aggravat bi proċedura *speċjali tentata* kontra tiegħu li jikkontesta l-pretensjoni ta' kap ta' dipartiment u jitlob mhux biss dak illi ġie mingħandu elevat biex jinbiegħ imma ukoll il-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern. Hu nfatti rilevanti illi fil-każ taħt eżami wara li ġie ppreżentat il-mandat *de quo*, liema mandat kif irriżulta mill-atti ma ġiet qatt esegwit, l-attur dehrlu li kien jinkombi fuqu li jitlob il-kanonizzazzjoni tal-kreditu minnu pretiż in forza ta' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuta appellata b'azzjoni *ad hoc*. Dan qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda bl-Att XXIV ta' l-1995 li radikalment biddlet in-natura ta' dan il-proċediment speċjali billi assigurat lill-esekutat mezz xieraq ta' difiża kontra kull arbitrarjetà. In-notifka ta' l-att ġudizzjarju lid-debituri għall-fini ta' interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni hu *sine qua non* u essenzjali biex tiġi assigurata tali interruzzjoni tkun xi tkun in-natura ta' l-att ġudizzjarju taħt eżami. *Hu allura* għal kollox irrilevanti jekk il-mandat ottenut mill-appellant *ai termini* ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12 kellux jitqies li kien wieħed esekuttiv jew kawtelatorju jew jekk kellux jew le jitqies li kellu s-saħħa ta' sentenza kontra d-debitur li għaddiet in ġudikat. Li hu rilevanti hu li l-appellant qed javanza l-fatt li talab u ottjena l-ħruġ ta' dan il-mandat kontra l-appellata debitriċi tiegħu bħala li kien att ġudizzjarju idoneu biex jinterrompu l-perijodu preskrittiv. Dan ma jirriżultax li hekk hu...

*Omissis;*

Il-Qorti ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għaliex sabet li l-mandat ta' qbid li a bażi tiegħu ġie reklamat l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma kienx ġie notifikat lid-debitur.